Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 236 / 2018

Il-Pulizja

Vs

John Zerafa

Illum 30 ta' Ottubru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, John Zerafa detenur tal-karta tal-identita Maltija 420057M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Awwissu, 2017 ghal habta ta' 20.30hrs gewwa Triq Sant Andrija, San Giljan;

1. Hebbejt kontra Christopher Sacco u kkagunajtlu griehi ta' natura hafifa, skond ma ccertifika Dr Patrick Huhn MD Reg no. 2449 mill-Qormi Health Cetre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-10 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil John Zerafa hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghall-piena tal-multa fis-somma ta' sitt mitt ewro (€600).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Zerafa, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Mejju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha

tikkancella l-istess sentenza u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u fis-semplicita tieghu jikkonsisti f' dan li gej:

**Aggravju:**

Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt b' mod legali u/jew ragonevoli issib lill-appellant hati ta' l-akkuza li ingabet fil-konfront tieghu u dan minhabba s-segwenti ragunijiet:

1) Illi l-Qorti tal-Magistrati semghet lill-parte civile jixhed fuq dak li allegatament gara kif ukoll semghet lill-imputat li ghalkemm huwa kellu d-dritt tas-silenzju ghazel li jitla fuq il-pedana tax-xhiedha sabiex jaghti l-verzjoni tieghu;

2) Illi aparti x-xhiedha tal-partijiet f' din il-kawza l-ebda xhud iehor ma gie imressaq mill-prosekuzzjoni sabiex jixhed fuq l-allegat incident ghalkemm irrizulta bic-car li kien hemm sahansitra membri tal-pulizija li ghamlu intervent f' dan l-incident;

3) Illi x-xhieda tal-partijiet li inghatat quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet wahda kompletament opposta liema sitwazzjoni procedurali tal-bilfors tohloq dubju minhabba dan il-konflitt;

4) Illi l-konfltt fil-provi f' dan il-kaz kien tant ta' serjeta li l-Qorti ma setghetx la b' mod legali kif ukoll b' mod ragonevoli tasal ghal konkluzzjoni taghha li ' irrizulta b' mod evidenti mill-provi li John Zerafa, ghal ragunijiet li jafhom hu biss, beda jaghmel manuri ferm irresponsabbli bil-vettura tieghu a detriment ta' Christopher Sacco. L-imsemmi Sacco pprova kemm il-darba jevita lil John Zerafa tant illi xi drabi wkoll hallieh jghaddi sabiex b' hekk ikun jista jkompli fi triqtu minghajr xkiel u problemi bla bzonn. Dan il-manuvrar skorrett u irresponsabbli minn naha ta' John Zerafa beda minn hdejn il-Wembly petrol station (punt numru 1 indikat fil-pjanta esebita) u spicca fil-liwja, int u sejjer lejn il-Madilena (punt numru 5 indikat fil-pjanta esebita). Malli z-zewg vetturi waqfu, irrizulta evidenti li

John Zerafa habat u hebb ghal Christopher Sacco. Dan kien kaz klassiku ta' road rage. Christopher Sacco ma kellux triq ohra hlief li jilqa ghall-aggressjoni ingusta (definittivament ghal xejn, pjuttost kappriccuza ghall-ahhar u vjolenti) da parti ta' John Zerafa';

5) Illi anzi mill-provi irrizulta ukoll li kien Christopher Sacco li laqghat lill-appellant bil-vettura tieghu, u l-appellant hareg sabiex jara xi hsara kellu fil-vettura u hemm hekk inqala argument wara li Christopher Sacco offenda lill-appellant u kien se jitlaq minn fuq il-post. Tant hu hekk li huwa hareg mill-vettura tieghu u hebb ghall-appellant meta ra li l-appellant sejjer fil-vettura tieghu sabiex igib it-torch. Fic-cirkostanzi l-appellant kellu jiddefendi ruhhu u nizel lil Christopher Spiteri f' art;

6) Illi issegwi li f' sitwazzjoni ta' konflitt ta' provi tant cara, il-Qorti ma setghetx tkun konvinta li mir-rizultanzi processwali, il-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sac-certezza morali li kien John Zerafa li effittavament ikkaguna feriti hfief fuq Christopher Sacco;

7) Anzi la darba li l-proskuzzjoni naqset li tressaq l-pulziija li raw l-incident in kwistjoni, dan il-fatt biss kellu jhalli d-dubju f' mohh il-gudikant stante li l-ahjar prova ma tressqitx mill-prosekuzzjoni liema prova setghet titfa dawl fuq minn kien qieghed jghid il-verita;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebta fl-atti.

Rat l-Affidavit mahluf minn PC 803 Andrew Pullicino esebit fl-atti a fol. 6 tal-process u l-okkorenza relattiva.

Rat c-certifikat mediku u affidavit ta' Dr. Patrick Huhn rilaxxjati dwar il-feriti li ssubixxa Christoher Sacco nhar is- 26 ta Awwissu 2017 (fol. 8 u 9 tal-process).

Rat ukoll ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Ian Gauci dwar il-feriti li kellu John Zerafa nhar is-27 ta Awwissu 2017 ghall habta t 12.35 a.m., liema ezami mediku sar fic-centru tas-Sahha ta' Paola fejn hemm deskritt li kellu selha fuq il-mohh u selha fuq l-id tax-xellug.

Rat l-aerial view photo esebit li juri l-akwati ta' fejn sehh l-incident (fol. 12) u r-ritratti tal-feriti li sofra Christopher Sacco a fol 13 et seq.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjni u cioe' lil Christopeher Sacco jixhed quddiemha u lill-appellant jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.
Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza.
Ikkunsidrat,
**PC 803 Andrew Pullicino** stqarr fl-affidavit tieghu li nhar it-28 ta' Awwissu ,2017 huwa kien xoghol l-ghassa tl pulizija ta' San Giljan bejn is-siegha ta' wara nofsinhar u d-disgha ta' filghaxija. John Zerafa kien mar jirraporta li Christopher Sacco kien kkawzalu feriti hfief fl-incident li sehh gewwa Triq San Andrija nhar is-26 ta' Awwissu, 2017 ghal habta tat-8.00p.m.
Huwa ha l-versjoni ta' dan John Zerafa u wara baghat ghal Christopher Sacco u dan stqarr mieghu li waqt li kien ghaddej minn Triq San Andrija, San Giljan kien hemm vettura ohra li bdiet taghfas mieghu u jserrep 'l hawn u 'l hemm. Qabel ma qabad it-triq il-Kosta kellu incident ta' traffiku ma din l-istess vettura li kienet misjuqa minn dan John Zerafa.
Christopher Sacco kompla jghid illi John Zerafa hareg mill-vettura tieghu u beda' jghajjat. Wara li ccekkjaw il-vettura Christopher Sacco dahal gol vettura tieghu u mar John Zerafa minn got-tieqa tieghu u tah daqqa ta ponn. Christopher ghalhekk hareg mill-vettura tieghu u sema' lil John Zerafa jghid li ser igib hadida. Dan mar warajh u ra lil John Zerafa johrog xi haga mill-vettura tieghu u tah daqtejn. Huwa kompla ighid li sabiex jipprotegi lilu innifsu tah daqqa ta' ponn ukoll.
Kompla jghid li wara dan l-argument rega' qam argument iehor u John qabez fuq Christopher. Dan innota mara li harget mil-vettura ta' John Zerafa u bdiet tghajjat sabiex jieqaf kllox. Fil-pront kien hemm vettura li identifikaw ruhhom bhala pulizija u waqfu l-argument u giet mimlija l-formola tal-'*bumper to bumper'*.
Christopher Sacco mar il-klinika tal-Furjana u gie ccertifikat minn Dr. Patrick Huhn li sofra griehi ta' natura hfief.
Rat ic-certifikati medici mahruga f' isem Christopher Sacco rilaxxjat minn Dr Patrick Huhn fejn hemm deskritt it-tip ta' feriti li sofra dan Sacco. F'dan ic-certifikat hemm indikat li Sacco kien qallu a tempo vergine u dan ghaliex kien gie ezamiant dak il-lejl stress, li dawn il-feriti gew kagunati minn persuna li tatu daqqa f'wiccu u f'dirajgh u li gie imwaqqa mal-art wara incident awtomobilistku.

Rat l-affiavit ta' **Dr Patrick Huhn** fejn ikkonferma bil-gurament tieghu c-certifikat minnu rilaxxjat nhar is-26 ta' Awwissu, 2017 waqt li kien fic-centru tas-sahha tal-Furjana u kien invista lil Christopher Sacco. Huwa kklasifika dawn il-griehi kif hemm deskritti bhala ta' natura hafifa.

Illi **Christopher Sacco** xehed quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar l-25 ta Settembru 2018 u spjega li nhar is-26 ta wwissu 2017 kien ghaddej minn St. Andrews proprju Triq San Andrija sejjer fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq gej mid-direzzjoni ta' San Giljan. Jghid li hdejh kien hem il-karozzi. Kien wasal hdejn il-Wembley Petrol Station. Huwa kien fuq l-outer lane u ghalhekk fuq ix-xellug tieghu kien hemm vetturi f'serbut. Kien hemm karozza gholja speci ta' Toyota u din bdiet isserep u tghafas mieghu u beda' ipaqpaq. Baqa' isuq sakemm waslu hdejn il-bus shelter u kien hemm spazju bejnu bejn il-vettura ta quddiem u din it-Toyota dahlet quddiemu izda minnufih regghet marret fuq in naha tax-xellug tieghu fl-inner lane u ghalhekk issorpassatu minn gewwa.

Waslu xi tlett karozzi l-isfel mit-traffic lights u t-Toyota regghet qisha kienet ser tidhol go fih, saq 'l quddiem u baqa' tiela' lejn Bahar ic-Caghaq. Hares mill-mera u ra lil din it-Toyota sejra dirett ghal go fih billi kienet qed tghamel manuvra ta' overtaking pero' baqghet warajh. Imbaghad dan tat-Toyota pprova jaqbzu mix-xellug tieghu u baqa' jghafas mieghu. Huwa hareg 'l barra mill-white lines u ra taxi bajda gejja mid-direzzjoni opposta u ghalhekk kellu jersaq 'l gewwa u kien dak il-hin li mess mat-Toyota.

L-appellant li gharfu bhala d-driver tat-Toyota hareg mill-vettura tieghu u qallu ara x'ghamilt u dan ghaleix huwa kellu gja hsara fuq il-vettua minn incident iehor izda huwa ma kellu xejn fuq tieghu. Ghalhekk jahseb li messu bit-tyre biss. Huwa rega' dahal fil-karozza biex jigbor il-mobajl izda dak il-hin l-appellant avvicinah minn got-tieqa stress tah daqq ta' ponn u tajjarlu n-nuccali. Dak il-hin qallu li kien ser igib hadida mill-karozza teighu u telaq lejn il-vettura tghinu u jaf li dar maghha. Rega' gie lura u tah daqtejn u dak il-hin iddefenda lilu innifsu u tah daqqa ukoll. Fil-pront qabdu, waqqghu ma l-art u habat rasu. Dak il-hin martu li kienet mieghu, bdiet twerzaq u tghidlu biex jieqaf.

Fuq il-post kienu ghaddejjin xi Pulizija u nizlu mill-vetturi taghhom u bdew jghajtu ieqfu u dak il-hin l-appellant waqaf. Jghid li huwa kien irrabjat bil-mod kif gie trattat. Beda jghajjat u l-pulizija ipprovaw jikkalmawh. Il-pulizja qalulu li

din il-kwistjoni ma keintix ta' idejhom u kellhom icemplu lil tal-wardens. Qal li l-apellant ma ridx jghamel rapport tal-bumper to bumper u huwa mela l-parti tieghu fuq il-formola. Staqsewh jekk riedx idahhal lil mara xhud peress li rat l-incident kollu isehh izda ma riedx. L-appellant kien aggressiv hafna tul l-incident kollu.

Il-pulizija qalulhom imorru l-ghassa jghamlu raport u mar il-policlinic u wara mar l-ghassa fil-ghodu u kellem lil PC 1221. Jaf li PC 803 cempilu u qallu li Zerafa kien mar jghamel rapport l-ghassa u ghalhekk xtaq ikellmu wkoll dwar ir-rapport li kien sar.

In kontro ezami jghid li sal-punt meta l-appellant beda jghafasu ma haseb li kien hemm xejn 'out of the ordinary'. Jikkonferma li huwa kien fl-outer lane kwazi l-hin kollu u meta l-appellant qabzu dan ghamel din il-manuvra minn gewwa. Jikkonferma li t-triq ma kienitx traffikuza fis-sens li quddiemu ma kienx hemm karozzi. Qal li minkejja li l-appellant ipprova jaqbzu fil-fatt qatt ma gie quddiemu salv ghal meta dahal bejn zewg karozzi izda imbagahd minnufih mar fl-inner lane.

L-appellant **John Zerfa** xehed minn jeddu u b'mod volontarju u ikkonferma li kien qed isuq fi Triq San Andrija sejjer lejn Bahar ic-Caghaq. Kien hemm hafna traffic, beda' jsuq u jieqaf ftit pasi l-quddiem. F'xi hin sema lil xi hadd minn warajh idoqq il-horn izda ma ta kaz. Jaf li f'xi hin meta waslu f'one lane ceda lil ta' quddiemu u dan dahal u ghadda qablu. Pero' meta waslu ftit l-fuq hdejn il-bus shelter l-parte civile pprova jaqbzu. Ikkonferma li Sacco dejjem kien warajh fis-sewqan. Jaf li f'xi hin dan gie biex jaqbzu u martu qatlu cedilu u ma riedx icedilu. Qal li mar biex jaqbzu tlett darbiet u f'xi hin jaf li qabez il-white line u messu. Dak il-hin kienu gia qabzu l-istage. Nizel mill-karozza u ried igib il-wardens. Ghalhekk mar quddiem il-karozza tieghu u qallu biex jinzel mill-vettura. Jaf li nehha n-nuccali nizel. Qal li dar u fil-hin tajjarlu n-nuccali tieghu. Huwa qabad u nizlu ma l-art u tah daqq ta' ponn. Martu bdiet tghidlu biex jitilqu izda ma riedx ghax fil-fehma tieghu kien aggressiv. Tant hu hekk li l-pulizija sikktitu tlett darbiet. Qal li kellmu b'ton baxx u qallu l-kiem '*zobb f'oxx kemm ghandek*'. Mar quddiem il-karozza tieghu ghaliex kien ser isuq 'l hemm. Hsara ma kellux pero' ra li l-parte civile kellu xi hsara minn incident ta' qabel.

Qal li fl-ebda hin ma tah daqqa ta' ponn pero' kien minnu li kien hu li nizlu ma l-art. Ghid li ma jafx ghaliex il-pulizja li raw l-incident ma xehdux u jghid li martu ma xehditx ghaliex ghandha xi problemi familjari. Mistqosi kif allura l-part civile spiccat b'dawk il-feriti kif deskritti minn Dr. Huhn jghid li ma jafx pero' jista' jkun li laqat rasu meta waqqghu ma l-art. Qal li huwa dam fil-pulizija 31 sena u qatt ma kellu incidenti bhal dan. Ikkonferma li kien hu li hareg l-ewwel mill-vettura tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appel hu bbazat fuq aggravju ta' nuqqas ta' apprezzament tax-xhieda tant li l-appellant qed jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzment hazin tal-provi prodotti.

L-aggravji tal-appellant ghalhekk jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[1]

Ma jidhirx li l-feriti li issubixxa l-parte civile huma kontetati u cioe' in-natura tahhom pero' l-appellant jichad li kienu hu li hebb ghall-parte civile.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Din il-Qorti ghandha taghmel apprezzament tax-xhieda li xhedu f'dawn il-proceduri u dan skond l-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatti jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fattizi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha.
Din il-Qorti ghalkemm ma ghexitx il-process fuq medda ta zmien kellha l-oportunita' li tisma' x-xhieda prinicpali u cioe l-parte civile u l-appelant jixhdu viva voce quddiemha, u ghalhekk setghet tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatathom u x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kienx mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif allegat mid-Difiza li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti fil-kawza flismijiet **Il-Pulizija v Charles Ducker**[2] li:

> "It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge, may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge, may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."

Illi huwa veru wkoll dak li allegat id-Difiza li sabiex persuna tinstab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju dan li ma jhalliex lil gudikant jkollu dik il-konvinzjoni morali dwar r-responsabbilita kriminali tal-persuna akkuzata. Dubbju li minhabba fih, min ghandu jiddecidi ma jistax jiddeciedi la naha u lanqas ohra.

Il-Qorti ghalhekk taqbel ma dak li gie deciz minn din l-istess qorti divesament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Zampa et**[3] li l-akkuzat bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista jasal sal-grad talprobabbli.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi**[4], fil-kamp penali dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista jigri, mhux prova

---

[2] Deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 1997.
[3] Deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Lulju 1998.
[4] Deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta Lulju 1998.

ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi. Allegazzjonijiet ta' x'seta' gara probabbilment jew possibilment, ma jikkostitwixxu l-ebda prova valida.

Hawnhekk il-Qorti taghmel wkoll referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Geraldu Muscat**[5], dwar jekk akkuzat jew imputat jaghzel li jipprova xi haga, huwa bizzejjed li jippruvha sal-grad tal-probabbilita' sabiex jirnexxi, u cioe' sabiex ikun jista' jinghad li hekk dak d-dubbju dettat mir-raguni li ma jhallix lil gudikant jasal ghal konvinciment morali tieghu, izda dan ma jfissirx li kull ma jghid akkuzat jew imputat, anke jekk minn fuq il-pedana tax-xhieda, huwa necessarjament probabbli li johloq dubbju ragjonevoli fil-kaz tal-Prosekuzzjoni.

Il-provi jridu dejjem jigu ezaminat fl-assjem taghhom.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn: jew li l-appellant mhux hati tad-delitt imputat lilu u b'hekk trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li hemm fil-konfront tieghu speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitt li ma kkommettix jew alternattivament li l-appellant huwa hati tar-reati kif addebitati lilu.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa kollha l-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, inkluz ix-xiehda ta' l-appellant u tal-parte civile moghtija quddiemha.

Jirrizulta u dan mhux kontestat li l-parte civile u l-appellant kienu ghaddejjin bil-vetturi rispettivi taghha fi triq San Andrija San Giljan nhar is-26 ta Awwissu 2017 ghall-habta tat.8.00p.m. Jirrizulta li kienu qed isuqu ma genb xulxin ghal diversi metri qabel ma sehh l-incient. L-parte civile kien rikeb wahdu waqt li l-appellant kellu lil martu meighu li ghazlet li ma tixhedx.

Jirrizulta li l-parte civle kien fuq l-outer lane u l-appellant kien fuq l-inner lane ghal zmien kollu salv ghal ftit mumenti meta dahal quddiem l-appellant qabel ma rega' mar fuq l-inner lane.

Jirrizulta wkoll u dan mhux kontestat ghaliex qalha l-appellant stress fix-xhieda tieghu li waqt li kien qed isuq sema xi had ipapaq minn warajh pero' ma tax kaz.

[5] Deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Mejju 1997.

Illi jirrizulta wkol li z-zewg partijiet kienu konxji ta' xulxin ghaliex it- tnejn li huma xehdu b'mod estensiv u spjegaw is-sewqan tghhom dak il-jum minkejja li ghaddiet aktar minn sena.

Illi pero' filwaqt li l-parte civle jghid li qala daqqa ta' ponn minghand l-appellant waqt li kien ghadu fil-karozza u wara spicca mwaqqa ma l-art mill-istss appellant, l-appellant jghid li mhux minu li tah daqqa ta' ponn ghalkemm huwa minnu li waqqghu ma l-art wara li kien hu li safa aggredit mill-parte civile.

Il-Qorti rat ic-certifikati medici esebiti fl-atti u rat li l-appellant kull ma kellu kienet selha fuq il-mohh u ohra fuq l-idejn ix-xellugija. Issa kieku huwa veru dak li stqarr l-appellant li l-parte civile hebb ghalih u tah xi daqqiet zgur li kien ikun hemm xi forma ta' tbengil jew grif u mhux selha fil-mohh. L-part civile ighid li l-appellant qabad u hebb ghalih u tah daqqa ta' ponn f'wiccu. Harsa lejn ic-certifikat jindika li l-parte civile kellu 'tenderness u erythema fuq il-left zygomatic area' u ghalhekk ferita f'wiccu zgur li din ma giet ghaliex l-appellant waqqghu ma l-art. Jist jghati il-kaz li l-ferita li l-parte civile kellu f'rasu u cioe '2 cm abrasion mid occipital' giet kkagunta mal-waqgha. Pero' c-certfikat ma waqafx hemm. Hemm indikat ukoll li kellu tbengila fuq il'left lunar forearm 2 cm diameter' u '2 parallel 3cm long scrathes right supra clavival area from superior lateral to inferior medial'. Dawn il-feriti jindikaw proprju dak li qal il-parte civile li l-appellant qabdu minn dirajgh u waqghu ma l-art bl-aggressjoni li kellu.

L-appelalnt jghid li huwa minnu li kien hu li hareg mill-vettura l-ewwel kif stqarr l-parte civile u jghid li mar quddiem il-vettura tal-parte civile. Jghid li ra lil parte civile inehhi n-nuccali qabel ma hareg kif stqarr l-istess part civile u ghalhekk hemm certu fatti li qalithom il-parte civle li huma konfermati mill-istess appellant. L-appellant jghid li l-parte civile dahal go fih waqt li l-parte civile jghid li messu. Il-fatt li kif stqarr l-apellant stess li ma kellu hsarat fuq il-vettura tieghu huwa indikattiv li fil-fatt mhux vera li l-parte civile dahal go fih izda verzment messu meta ipprova jidhol il-gewwa ghaliex kienet gejja vettua mid direzzjoni opposta. L-appellant jghid li l-parte civile kellmu hazin pero' meta mar jghamel ir-rapport ma qal xejn min dan lill-pulizija. L-appellant ighid li f' 31 sena li ghamel fil-korp tal-pulizja ma kellux incidenti imma pero' minn esami tal-fedina penali tieghu jidher li ukoll kien kiser duffrejgh mal-ligi dwar reati ohrajn.

Il-Qorti issib li ix-xhieda moghtija mill-parrte civile hija iktar kredibbli u ghalhekk hija tal-fehma li ghandha tikkonfema is-sentenza tal-ewwel Qori fir-rigward il-mertu u apprezzament ta' xhieda.

Dwar l-aggravju l-iehor u cioe' li l-piena kienet ecessiva meta l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ihallas multa ta' sitt mit euro (€600) jinghad li r-*raison d'être* ta' dan l-aggravju, mhuwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa u ezemplari fuq l-appellat. Hawnhekk l-esponent mhux qed ifittex il *'pound of flesh'* iżda li tiġi inflitta l-piena kif prevista mil-Liġi stess. L-unika motivazzjoni li għandhu l-esponent sabiex iressaq dan l-aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun għall-inqas il-minimu ta' dik kontemplata fil-Liġi. L-esponent ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

Fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[6] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[7] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[8] dan l-aggravju gie trattat *in funditus*. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[9], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Din l-Qorti tirrileva li l-appellant instab hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Christopher Sacco ai fini tal-atikolu 221 tal-Kap 9 tal-ligijeit t Malta. Issa skond l-istess disposizjoni tal-ligi il-piena li l-ewwel Qorti setghet tikkomina hija ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.

---

[6] Deciza millQorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[7] Defciza mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta Jannar 2001

Illi f'dan il-kaz l-ewwel Qorti ghazlet li timponi multa fl-ammont ta' sitt mitt euro (€600). Skond l-artikolu 11(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u l-minimum tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29). Ghalhekk il-multa inflitta taqa' fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma intweriet l-ebda rguni partikolari 'l ghala ghandha tniddel ilpiena inflitta.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkonfema is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur